**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 468/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**David De Cesare**
**(ID 474882(M))**

**Illum, 9 ta' Ottubru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat David De Cesare ta' 29 sena, iben George u Rita xebba Agius, imwieled il-Pieta` nhar it-2 ta' Settembru 1982 u residenti numru 86, Hagra, Triq tal-Mensija, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita` numru 474882(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fi Frar 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi

(G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Frar 2012 u fil-hames snin ta' qabel din id-data:

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fi Frar 2012 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet illi dan kien kaz ta' *trafficking by sharing.* Wara din id-dikjarazzjoni, fl-istess seduta l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat ukoll illi madankollu, fis-seduta sussegwenti tat-18 ta' Ottubru 2013, wara li kienet hadet konjizzjoni tal-atti u tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-Qorti stiednet lill-imputat sabiex jerga' jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, l-imputat iddikjara li kien qed jirtira l-ammissjoni tieghu, kif registrata minnu fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-28 ta' Frar 2012, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ezegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern. L-imputat gie mwaqqaf waqt li kien fil-vettura tieghu, gewwa Triq il-Qasam, Swieqi u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu u fil-vettura tieghu, gew elevati kaxxa tal-*filters* Rizla li fiha kien hemm zewg pakketti bi trab ta' kulur kannella, suspettat eroina, xi pilloli bojod u sofor, kantuniera bi tracci u sikkina bil-manku blu. Fir-residenza tieghu, instabu ammont ta' boroz mqattghin u miftuhin b'xi tracci, ammont konsiderevoli ta' siringi, *citric acid*, mgharrfa mahruqa, kuccarina mahruqa, xi bicciet tal-*foil* mahruqin u borza b'xi sustanza bajda. Meta l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija, kien hemm ukoll certu Maurice Arrigo.[1]

Fil-proceduri, xehed Maurice Arrigo[2] li fil-mument tal-arrest tal-imputat kien qieghed jakkumpanja lill-istess imputat. Huwa jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat u hu kienu jmorru flimkien ghall-*methadone* u mbaghad l-imputat kien iwassal ix-xhud ix-xoghol. Jghid illi huwa ma kienx jaf x'kellu l-imputat fil-pussess tieghu ghaliex kien ghadu ma dahalx fil-vettura meta gie mwaqqaf mill-pulizija u l-imputat u hu gew mifrudin mill-ewwel mill-pulizija. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-imputat qatt ma bieghlu jew tah droga, anke minghajr hlas. Jghid li jista' jkun li kien hemm okkazzjoni fejn hadu d-droga flimkien, madwar tliet snin qabel, izda t-tnejn kellhom id-droga rispettiva taghhom.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-jum in kwistjoni[3], wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova u anke wara li rrifjuta li jezercita d-dritt tieghu li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, b'referenza ghas-segwenti oggetti li nstabu fil-pussess tieghu dakinhar stess – kaxxa tar-Rizla bil-*filters* fejn kien hemm zewg pakketti b'sustanza kannella suspettata eroina, kantunieri tal-boroz tal-*plastic* bi tracci ta' sustanza bajda u kannella, ammont ta' siringi wzati, mgharrfa mahruqa u *citric acid* – l-imputat wiegeb illi dakinhar stess filghodu huwa inqeda zewg pakketti ta' Euro 10, mar ghall-habib tieghu Maurice, biex iwasslu ghall-mistura u x-xoghol u hekk kif gie mwaqqaf mill-pulizija, sabulu iz-zewg pakketti li kien ghadu kif xtara. Ikkonferma wkoll illi dak kollu li semmielu l-Ufficjal Investigatur huwa tieghu u li nstabu fil-presenza tieghu. Wara l-pulizija haduh ghall-mistura. Mistoqsi mil-liema droga

[1] Ara x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino (a fol. 16 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 18 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg (a fol. 22 *et seq* tal-process); ix-xhieda ta' PC 1213 Carlos Axisa (a fol. 25 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 364 David Borg (a fol. 28 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 29 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 9 *et seq* tal-process.

jabbuza u kemm kien ilu jabbuza mid-droga, huwa stqarr illi jabbuza l-izjed mill-i*smack* u xi kultant jiehu l-kokaina. Kien ilu hdax-il sena jabbuza mill-i*smack* u kien ilu jiehu kokaina ghal dawk l-ahhar erba' xhur, ghalkemm mhux kuljum. Qal ukoll illi gieli abbuza mill-eroina ma' Maurice u l-ahhar li kienu ghamlu dan kien fil-bidu tax-xahar, izda mhux kuljum. L-imputat qal illi qatt ma biegh droga, izda xi tliet gimghat qabel, habib tieghu talbu biex isiblu min ghand min jixtri pakkett eroina. Dan tah Euro 20 u meta huwa mar biex jixtri ghalih, gab ukoll pakkett ghal dan il-habib tieghu. Huwa ghaddielu dan il-pakkett il-Balluta, izda d-droga ma haduhiex flimkien u siehbu telaq minnufih ghal rasu. Din kienet l-unika darba li huwa ghadda pakkett lil xi hadd.

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, id-difiza iddikjarat li kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 599 Clive J. Mangion bhala xhud tal-volontarjeta` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.[4]

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri[5], fejn qal illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kellu problema ta' droga, li huwa kien jixtri d-droga ghalih, izda qatt ma biegh droga. Qal ukoll illi llum il-gurnata hajtu nbidlet u bena familja.

Issa permezz <u>tal-ewwel zewg imputazzjonijiet</u>, l-imputat gie akkuzat talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-drogi eroina u kokaina u dan fi Frar 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data. Ghalkemm fl-ewwel seduta tat-3 ta' Gunju 2013, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, illi dan kien kaz ta' traffikar *by sharing*, dwar l-ewwel imputazzjoni jirrizulta car mill-istqarrija tal-imputat illi dan ma kienx sempliciment kaz ta' traffikar *by sharing* u kien proprju ghal din ir-raguni illi l-Qorti, wara li l-imputat kien irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu – liema ammissjoni giet registrata minnu wara li l-Ufficjal Prosekutur kien ghamel din id-dikjarazzjoni – tat zmien lill-imputat sabiex jerga' jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Jibda biex jinghad illi fir-rigward tal-parti tal-istqarrija fejn l-imputat qal illi huwa gieli ha d-droga eroina flimkien ma' Maurice, ma jirrizulta minn imkien, lanqas mix-xhieda tal-istess Maurice Arrigo illi kien l-imputat li kien jipprokura din id-droga sabiex huma jaqsmuha flimkien jew li d-droga li kienu jikkunsmaw flimkien kienet proprju tal-imputat. Ghaldaqstant, ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien qed isir xi traffikar *by sharing* jew del resto traffikar f'dan il-kuntest. Biss kif diga` inghad izjed 'il fuq, l-imputat qal ukoll fl-istqarrija tieghu, illi xi tliet gimghat

[4] A fol. 12 tal-process.
[5] A fol. 42 *et seq* tal-process.

qabel, habib tieghu kien talbu biex isiblu minghand min seta' jixtri l-eroina u li wara li dan il-habib tieghu tah Euro 20, huwa mar jixtri ghalih u akkwista pakkett ghal siehbu. Sussegwentement, <u>huwa ghadda dan il-pakkett lill-habib tieghu gewwa l-Balluta, izda d-droga ma ttehditx minnhom flimkien u siehbu telaq ghal rasu mill-ewwel</u>. M'hemmx dubju illi f'dan il-kaz, l-imputat provda l-eroina lill-habib tieghu u ghaldaqstant l-imputazzjoni (a) tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Galea</u>** u **<u>Il-Pulizija vs Russell Bugeja</u>**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi ta' *sharing* kif ikkontemplat fil-*proviso* ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dik il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid <u>dejjem</u> tigi applikata l-piena ta' prigunerija <u>u</u> ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott ... bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn</u>, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u>*

*jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor* <u>*f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess*</u>*. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*"

Issa f'dan il-kaz, certament li ma kien hemm l-ebda element ta' komunanza jew *sharing*, fis-sens hawn fuq spjegat. L-imputat xtara d-droga eroina mhux biss ghalih, izda wkoll ghall-habib tieghu, li hallsu minn qabel ghal dak li kien xtralu. Fi kliem iehor, l-imputat ipprovda l-eroina lil siehbu u sussegwentement, dan tal-ahhar telaq ghal rasu, minghajr ma fl-ebda hin ikkonsma dik id-droga flimkien mal-imputat odjern. Ma kienx ghalhekk il-kaz illi l-imputat kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih ma' dan il-habib tieghu, ghaliex hu xtralu sehmu appozitament ghalih u kien nieqes ukoll l-element ta' komunanza jew ta' "*l-istess post*". Ghaldaqstant, dan m'huwiex kaz ta' traffikar *by sharing* kif iddikjara l-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 u m'huwiex applikabbli l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, madankollu, mill-atti ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat traffika ossia li forna jew ipprokura jew inkella offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, lanqas sal-grad ta' traffikar *by sharing*. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

L-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess tad-droga eroina u dan b'referenza ghat-28 ta' Frar 2012 u l-hames snin ta' qabel din id-data. Ghalkemm is-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat li giet ukoll esebita, ma gietx analizzata, biss l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi dakinhar fil-ghodu huwa kien ghadu kif inqeda billi xtara zewg pakketti ta' Euro 10 u li dawn kienu proprju l-pakketti li nstabu fuqu. Ghalkemm l-imputat ma jghidx specifikatament li dawn kienu bl-eroina, biss huwa car anke mill-istess stqarrija tal-imputat, illi huwa kien qed jirreferi ghad-droga eroina u mhux ghal xi droga ohra. Tant hu hekk illi l-imputat jghid illi kien ilu jabbuza mill-eroina hdax-il sena, mentri kien biss xi kultant li kien jiehu l-kokaina u li l-ahhar li kien ha kokaina, kien ghall-habta tal-bidu tax-xahar, li ghall-eroina kien ihallas Euro 10, kif hallas proprju dakinhar, mentri ghall-kokaina kien ihallas Euro 20 ghal 0.1 grammi. F'dan il-kaz, tenut kont ukoll illi l-imputat kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal zmien twil u li m'hemm l-ebda dubju illi l-imputat

kien fil-fatt jabbuza mid-droga eroina b'mod regolari, meqjus ukoll l-oggetti kollha konnessi mal-uzu tad-droga eroina, li nstabu fir-residenza tieghu, il-Qorti hija sodisfatta illi dak li ammetta l-imputat fl-istqarrija tieghu huwa minnu u li l-pakketti misjuba fuqu verament kienu jikkontjenu l-eroina. Dan naturalment apparti l-ammissjoni tieghu stess illi jghid illi kien ilu jabbuza mill-eroina ghall-perjodu ta' hdax-il sena u ghalhekk ferm oltre z-zmien li ghalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

L-istess irid jinghad fir-rigward tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik dwar il-pussess semplici tal-kokaina li tirreferi ghax-xahar ta' Frar 2012 u l-erba' xhur ta' qabel din id-data. Fil-fatt mill-istqarrija tal-imputat jirrizulta proprju illi huwa kien ilu jiehu l-kokaina ghal dawk l-ahhar erba' xhur u li l-ahhar li ha kien ghall-habta tal-bidu ta' Frar 2012. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, li skond l-Ufficjal Prosekutur, tirrifletti l-fedina penali tal-imputat kif kienet ghadha sa Gunju 2013. Minn harsa lejn din il-fedina penali, jirrizulta illi l-imputat instab hati *inter alia* ta' pussess ta' droga eroina fi tliet okkazzjonijiet, dwar liema huwa dejjem inghata liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti qieset ukoll illi jirrizulta mill-atti illi r-reat ta' traffikar tad-droga eroina li tieghu l-imputat qed jinstab hati sehh biss f'okkazzjoni wahda u li dan kien jinvolvi pakkett wiehed ta' droga eroina. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti sejra timponi l-piena ta' prigunerija tassattiva fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat ukoll illi jidher li l-imputat illum qabad it-triq it-tajba. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, madankollu, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq illi tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* u dan sabiex jigi assigurat illi huwa jibqa' miexi fit-triq li jidher li qabad u li l-piena karcerarja li l-Qorti hija marbuta fic-cirkostanzi li timponi, ma tizvijahx u ma ttellfux fil-progress li jidher li ghamel. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, ma jidhirx illi l-imputat kien jabbuza mid-droga kokaina kuljum u lanqas regolarment, tant li jghid illi l-ahhar darba li kien abbuza minnha kien fil-bidu tax-xahar ta' Frar 2012 u li kien ilu jabbuza minnha xi erba'

xhur. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu, f'dan il-perjodu, zewg grammi kokaina jew izjed, ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) u qed tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjoni (a), ghall-piena ta' **sitt xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' erba' mija u sebghin Euro (€470)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jaghmel pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d), qed tikkundanna lill-hati ghall-penali ta' hamsin Euro (€50).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-*Probation* jew inkella jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-istess Ordni.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dok. VA1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat